**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Novembru 2017**

**Talba Nru: 262/17 CZ**

**Gladys Conti**

**vs.**

**Guliano Bagne**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attrici mressqa fl-24 ta' Mejju 2017 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' disa' mija u tnejn u tlein Euro u tnejn u tmenin

centezmu (€932.82) rapprezentanti bilanc dovut minnu dwar kontijiet ta' ilma u elettriku rigwardanti l-fond appartamenti 1, Lisa Flats, Kubrit Street, Gzira, liema appartament kien mikri minghand l-attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 166A datata 6 ta' Marzu 2017 u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra li l-attrici cediet is-sorte stante hlas, filwaqt li zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.[1]

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, wara li qies in-nota ta' cessjoni fuq imsemmija it-Tribunal qieghed jastjeni milli jqis ulterjorment it-talba ghall-hlas tas-sorte, u kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, peress li l-pretensjonijiet ta' l-attrici rrizultaw sodisfacentement ippruvati, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez u drittijiet kollha kif mitluba

[1] Fol. 12

f'din il-kawza, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 6 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet premessi.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur